

Brussell, 4 ta' Mejju 2021
(OR. en, pl, fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0226(NLE)

7992/21
ADD 1

RECH 161
COMPET 263
ATO 28
CADREFIN 184

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14206/20
Nru dok. Cion:	9871/18 + ADD 1-6
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkomplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni <i>- Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka</i> <i>- Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Lussemburġiża</i> <i>- Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka</i>

Dikjarazzjoni tal-Polonja

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE.

Dikjarazzjoni tal-Lussemburgu

Il-Lussemburgu jibqa', b'mod ġenerali, kritiku ħafna fir-rigward tal-finanzjament ta' attivitajiet tar-riċerka nukleari mill-Unjoni Ewropea. Il-Lussemburgu jixtieq riorjentazzjoni tal-fondi Ewropej, aktar iffokata fuq enerġiji rinnovabbli, li għandhom jiġu sfruttati fil-futur. Billi l-proposta tar-"Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perijodu 2021-2025 li jikkomplementa Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" ma tippromwovix tali riorjentazzjoni, il-pożizzjoni tal-Lussemburgu mhijiex ser tinbidel. Minkejja r-riluttanza fir-rigward tal-kontenut ta' dan ir-Regolament, il-Lussemburgu huwa madankollu kapaċi jneħħi r-riżerva ġenerali u għaldaqstant jastjeni mill-vot.

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

Il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Euratom għall-perijodu 2021-2025 għadu jenfasizza t-titjib tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari, u l-protezzjoni mir-rad jazzjoni. Barra minn hekk, il-programm għandu l-għan li jikkomplementa l-kisbiet tal-oġettivi mhux nukleari ta' Orizzont Ewropa, fost l-oħrajn fil-kuntest tat-tranżizzjoni enerġetika. L-Awstrija tifhem din id-dispożizzjoni tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Euratom bħala rekwiżit għar-riċerka nukleari rilevanti biex debitament jiġġustifika l-attivitàjiet tiegħu fir-rigward tal-kontribut tagħhom għal tranżizzjoni enerġetika mhux nukleari b'suċċess li għaliha Orizzont Ewropa jikkontribwixxi fis-snin li ġejjin.

L-Awstrija tfakkar fil-fehma tagħha li l-użu enerġetiku tal-fissjoni nukleari la huwa vijabbli u lanqas mhuwa opzjoni kosteffettiv, u lanqas sostenibbli, biex jiġġieled kontra l-effett serra. L-Awstrija ma tappoġġax il-finanzjament tal-UE jew kwalunkwe qafas ta' appoġġ fil-livell Ewropew għal impjanti tal-enerġija nukleari. Billi t-test ta' kompromess miksub fil-livell politiku għadu juri ambigwiżità f'dan ir-rigward, l-Awstrija, skont il-kunsens politiku fit-tul tagħha fil-livell nazzjonali, tastjeni.
